MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 2482/2003

**Africom Malta Limited**

**Vs**

**Elfi Limited**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Dicembru, 2003 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tnejn u hamsin lira, hamsa u ghoxrin centezmu (Lm252.25) rapprezentanti kwantu ghal Lm200 bhala bilanc minn somma kbar li kienet dovuta u kwantu ghal Lm52.25 bhala s-somma ekwivalenti li kienet giet zborsata ghal hlas ta` assikurazzjoni fuq merkanzija.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 9 ta` Ottubru, 2003 u bl-imghax legali sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-1 ta` Marzu, 2004 fejn it-talbiet attrici gew kontestati in kwantu 1. is-socjeta` konvenuta ma kinietx il-legittimu kontradittur; 2. li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt; u 3. kwantu ghal hlas tal-assikurazzjoni m`ghandu jkun hemm ebda refuzjoni fuqha peress illi meta l-ordni giet kancellata l-merkanzija kienet gia` hawn Malta.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz kollu jikkoncerna talba ghal kumplament ta` refuzjoni ta` flus imhalsa mis-socjeta` attrici fuq merkanzija ordnata minghand is-socjeta` konvenuta u liema merkanzija baqghet m`ghaddietx ghandha anzi l-ordni kienet giet kancellata mis-socjeta` konvenuta stess meta din waslet Malta ghar-raguni li bhala International Trading Company hija projbita milli tbiegh prodotti ghal konsumatur malti.

Illi m`hemmx dubbju li jinsab ampjament ippruvat kemm mix-xhieda taz-zewg rapprezentanti rispettivi u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti illi (1) Il-kwantum tal-flus imhalsa mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta (2) n-negozju in kwistjoni kien strettament bejn iz-zewg socjetajiet partijiet f’dina l-kawza u hadd aktar (3) Li l-ordni kienet giet kancellata unilateralment u arbitrarjament mis-socjeta` konvenuta (4) Is-socjeta` attrici kienet giet ikkreditata l-maggor parti tal-flus li hija harget ghal din il-merkanzija (5) l-ammont mitlub f’dina l-kawza huwa l-bilanc negattiv tal-flus bejn dawk refuzi u dawk originarjament zbursati mis-socjeta` attrici u (6) il-merkanzija baqghet ghand is-socjeta` konvenuta u jigi kwindi wiehed jassumi li din giet disponuta minnha.

Illi dwar il-bilanc negattiv ricevut mis-socjeta` attrici fuq il-valur tal-merkanzija, l-konvenut nomine jallega li din kienet dovuta minhabba differenza fir-rata tal-kambju,

haga li certament ma kellux kontroll fuqha u fit-tieni lok dwar l-assikurazzjoni huwa jargumenta li din serviet biex tkopri l-merkanzija sal-wasla taghha hawn Malta u meta l-ordni giet kancellata l-effetti ordnati kienu gia` waslu hawn Malta kwindi ebda refuzjoni ma huwa dovut.

Illi r-raguni moghtija mis-socjeta` konvenuta il-ghala giet kostretta tikkancella l-ordni hija bbazata fuq fattur li kien imissha ikkunsidratu qabel mas-socjeta` attrici u cioe` fil-mument ta` l-ordni u meta inharget il-quotation mis-socjeta` attrici. La darba hija accettat l-ordni fuq quotation taghha stess, hija l-istess socjeta` konvenuta li kwindi ghandha tbati l-konsegwenzi ghan-nuqqas ta` attenzjoni taghha stess. Illi ghalhekk jekk l-attur nefaq lira huwa ghandu jiehu din lura xejn aktar u xejn anqas.

Dwar il-flus tal-assikurazzjoni huwa minnu li l-merkanzija lahqet waslet hawn Malta pero` din baqghet fil-pussess u a beneficcju tal-istess socjeta` konvenuta. Kwindi kienet l-istess socjeta` konvenuta biss li bbenefikat mill-fatt li t-transport tal-merkanzija lejn Malta kien jinsab kopert bl-assikurazzjoni mhalsa minn flus is-socjeta` attrici.

Illi kif gia` rimarkat hawn fuq ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-partijiet u d-dokumenti ezebiti lkoll jindikaw li n-negozju in kwistjoni kien ikkuntrattat bejn l-istess partijiet biss u hadd izjed.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mitejn u tnejn u hamsin lira, hamsa u ghoxrin centezmu bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` din il-procedura u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------